

Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13169/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0173(NLE)

SOC 620
EMPL 442
ECOFIN 898
EDUC 360

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9855/23 - COM(2023) 599 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, abbażi tal-Artikolu 148(2) TFUE.¹

Għall-2023 inżammu l-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri kif jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296². Il-premessi ġew aġġustati biex jirriflettu l-miri ġodda ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u l-inizjattivi reċenti.

¹ Il-linji gwida dwar l-impjiegi ġew adottati għall-ewwel darba flimkien bħala pakkett integrat fl-2010 flimkien mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi, u dawn jirfdu l-Istrateġija Ewropa 2020.

² Dok. 9855/23

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) baġat l-Opinjoni³ tiegħu rigward il-linji gwida dwar l-impjiegi lill-Kunsill, inkluż il-kontribut tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) dwar l-aspetti soċjali tal-linji gwida, u qabel mal-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2023, qies is-sitwazzjoni tal-impjiegi tal-Unjoni u adotta konklużjonijiet dwar dan.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fis-seduta plenarja tiegħu tat-13 ta' Settembru 2023, u approva l-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni dwar il-proposta⁴. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ġiet adottata fis-seduta plenarja tiegħu tal-21 ta' Settembru 2023.

Il-Kunsill issa għandu l-opinjonijiet kollha meħtieġa għall-eżami tiegħu tal-linji gwida dwar l-impjiegi għall-2023.

Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Settembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali eżamina l-proposta u qabel magħha mingħajr ebda bidla.

L-eżitu tal-proċedimenti minn din il-laqgħa li fihom it-test maqbul fl-Anness jinsab fid-dokument 13266/23. Dan it-test huwa identiku għall-proposta tal-Kummissjoni (dok. 9855/23).

³ Ittra mill-President tal-EMCO fil-11 ta' Lulju 2023.

⁴ Ittra mill-Kumitat tar-Reġjuni fid-19 ta' Lulju 2023.

III. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina l-pakkett sħiħ ta' opinjonijiet u jirrakkomanda lill-Kunsill (EPSCO) jadotta, fis-sessjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2023, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida dwar l-impjiegi li jinsabu fid-dokument 13266/23, soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

Il-verżjoni finali tat-test għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida dwar l-impjiegi ser tkun lesta fit-28 ta' Settembru (dok. 12998/23), wara t-tlestija tar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
